MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-28 ta' April, 2003

Avvi$Z Numru. 357/1996/1

**Tabib Principali tal-Gvern**

**vs**

**Andrei Cassar**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ mija, tlieta u hamsin lira Maltija u tnax-il centezmu (Lm153.12,0) dovuta lilu peress li sar hlas zejjed fl-allowance tal-konvenut ghall-perjodu bejn Jannar u Frar 1993, waqt li l-konvenut kien isegwi kors ta’ diploma fin-Nursing.

Bl-ispejjez tal-ittra ufficjali tal-1 ta’ Awissu, 1995, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 7 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:

Illi l-azzjoni attrici hija infondata sew fil-fatt kif wkoll fid-dritt, stante li l-konvenut m'ghandu jaghti xejn lill-attur nomine.

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici hija preskritta ai termini tal-Ligi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Wara li rat l-atti kollha tal-kawza specjalment is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell l-17 ta' Ottubru 2002, annessa ma' dawn l-atti u in konnessjoni mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevati kif ukoll dak verbalizzat a fol 51 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fis-7 ta' April 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur s-somma ta' Lm153.12,0 bl-imghax legali mill-ewwel (1) ta' Awissu 1995 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkusi dawk tal-ittra ufficjali tal-ewwel (1) ta' Awissu 1995.

--------------------------------TMIEM--------------------------------